# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 ta' Frar, 2016.**

**Rikors Numru 205/2016 SM**

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet:**

**Raymond Mifsud**
**(K.I. 201965 M)**

**vs.**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent**
**u l-Ippjanar**
**u**
**Enemalta plc**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Frar, 2016; (ara foll 5 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 17), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors:

2.1. Akkoljiet provizorjament il-mandat t'inibizzjoni in dizamina;

2.2. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh ghall-udjenza fil-gurnata hemm indikata;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess rikors promotur lill-intimati ghar-risposta;

3. Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata iz-19 ta' Frar, 2016, (ara foll 18);

4. Rat ir-risposta ta' l-EneMalta p.l.c. datata l-24 ta' Frar, 2016, (ara foll 36);

5. Semghet lir-rapprezentanti tal-Awtorita` intimata fuq indikata jikkonfermaw fil-qorti fil-miftuh *ai termini* ta' l-artiklu 873(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li dak li l-istess Awtorita` qed tintalab li tigi mizmuma minnhu hu fil-fatt mahsub li jsir minnha fil-konfront tar-rikorrenti;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

8.1. Illi l-procedura odjerna hi intiza biex jigu tutelati d-drittijiet tal-intimat;

8.2. Illi r-rikorrenti qed jitlob li l-intimati ma jithallewx jaqtghu il-provista tal-elettriku fis-sit tieghu indikat fl-istess rikors promotur;

8.3. Illi fl-istess sit gew mibnija strutturi intizi biex jinzammu z-zwiemel u ghall-iskopijiet naxxenti mill-uzu tal-istess annimali, u dan, avallati b'permessi rilaxxati mill-istess Awtorita` intimata;

8.4. Illi l-istess rikorrenti gia` ha hsieb biex jiddesisti minn attivita` li mhux konsana mal-permess rilaxxat mill-istess Awtorita`;

8.5. Illi *nonostante* dan, l-intimati bi hsiebhom jippersistu bil-hsieb taghhom li jaqtghu l-elettriku mis-sit *de quo*;

8.6. Illi tali azzjoni hi inkoncepibbli, abbusiva, sproporzjonata u diskriminatorja;

8.7. Illi qatt ma kiser xi kundizzjoni fil-konfront tas-socjeta` intimata li tipprovdi l-provvista tal-elettriku;

8.8. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-Awtorita` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

9.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

9.2. Illi fl-operat taghha l-Awtorita` intimata ma tistax tinzamm milli tezercita s-setghat lilha moghtija sakemm dawn ma jilledux xi wiehed mid-drittijiet fundamentali statutorjament elenkati – li fic-cirkostanzi, mhux il-kaz;

9.3. Illi l-intavolar tar-rikors promotur odjern mir-rikorrenti hu abbuz car tal-procedura in dizamina;

9.4. Illi l-passi li r-rikorrenti qieghed jintrapprendi fl-istess sit in dizamina qed jinvolvuh f'attivita` illegittima u illegali meta minn kumpless originarjament intiz ghall-uzu taz-zwiemel qieghed minflok jigi uzat bhala stabbiliment ta' l-ikel, (ara foll 32, 33, 34, 35, 41, 44, 45, 46, 47 u 48);

9.5. Illi dan l-uzu hekk riskontrat hu illegali *stante* li mhux kopert bil-permessi necessarji, (ara foll 19);

9.6. Illi *di piu`*, jirrizulta li tali uzu illegali hu persistenti, (ara foll 20);

9.7. Illi jirrizulta li l-istess rikorrenti, *nonostante* li kien rinfaccat b'Avviz biex Jieqaf u ta' Twettiq, ("*enforcement notice"*), xorta baqa` jippersisti fl-attivita` illegali tieghu;

9.8. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jafferma li waqqaf l-attivita` illecita in dizamina, il-fatti riskontrati ma jissufragawhx, (ara foll 20);

9.9. Illi *ai termini* ta' l-artiklu 90 tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta l-Awtorita` intimata ghandha kull dritt titlob l-ghajnuna ta' enti bhal EneMalta p.l.c. *stante* li tali assistenza hi lilha permessa bil-ligi;

9.10. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi s-socjeta` intimata EneMalta p.l.c. sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

10.1. Illi t-talba tar-rikorrenti hi essenzjalment li s-socjeta` *de quo* ma tithalliex taqta` il-provvista tal-elettriku tieghu mill-istabbiliment in dizamina;

10.2. Illi pero` il-htiega ta' tali intervent giet necessitata mill-agir inkonsult u anti-socjali tal-istess rikorrenti, li l-Awtorita` intimata ma tistax tissorvola;

10.3. Illi bhala l-enti teknika fir-rigward, spetta lis-socjeta` intimata biss li tesegwixxi l-operazzjonijiet teknici biex jintlahaq l-ghan tal-Awtorita` intimata *de quo*;

10.4. Illi r-rikorrenti ma pprezenta l-ebda prova li l-intervent taghha ser jirrekalu pregudizzju irrimedjabbli;

10.5. Illi *di piu`*, r-rikorrenti agixxa b'mod illegali billi effettwa "zvilupp illegali" u biddel l-uzu tas-sit kontra l-permessi moghtija, (ara foll 38);

10.6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi in vista tal-premess tirrileva sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi in effetti l-istess rikorrenti qieghed jitlob it-tutela tal-ligi meta fil-fatt, *stante* li jirrizulta li hu fi stat ta' illegalita`, il-ligi qatt ma tista` tissuffragah;

11.2. Illi li jirrizulta sintetikament hu s-segwenti:

11.2.1. Illi bena sit ostentivament bhala stalel ghaz-zwiemel;

11.2.2. Illi meta bena l-istess sit dan mill-ewwel biddel l-uzu tieghu u beda jirreklama fuq il-*facebook* u juza l-istess sit bhala *restaurant*;

11.2.3. Illi dan l-uzu ghadu jigi reklamat hekk sal-mument odjern;

11.2.4. Illi dan imur kontra l-permessi rilaxxati;

11.2.5. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li injora l-*enforcement order* rilaxxat fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat:

12. Illi ghalhekk l-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit qatt ma jista` jigi uzat in tutela tal-pretenzjonijiet tar-rikorrenti *stante* li dan hu intiz biss biex jittutela drittijiet li jistghu talvolta jigu pretizi u mhux, biex jittutela l-illegalita`, kif hawn riskontrata;

13. Illi ghalhekk l-azzjoni li l-intimati qeghdin jippretendu li jezercitaw fil-konfront tar-rikorrenti hi espressjoni legittima tal-

operat taghhom intiza biex jittutelaw lis-socjeta` li f'isimha jagixxu biex tigi assigurata il-legalita` fl-interess tac-cittadin;

Ikkunsidrat:

14. Illi in vista tal-premess jinghad ghalhekk li r-rikorrenti ma jirrizultax li *prima facie* ghandu id-dritt minnu vantat f'din il-procedura;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ghalhekk ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

15.1. Takkolji r-risposti tal-intimati;

15.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

15.3. Tiddikjara li qeghda allura tvarja *contrario imperio* id-digriet provizorju precedenti taghha datat it-12 ta' Frar, 2016, (ara foll 17), billi tirrespingi r-rikors guramentat promotur fit-totalita` tieghu;

15.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**